



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' Settembru 2008 (29.09)
(OR. en)**

13631/08

COMPET 365

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2008
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Rapport mill-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (Il-15-il rapport dwar Tfassil Aħjar Tal-Liġijiet, 2007)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2008) 586 finali.

Mehmuż: COM(2008) 586 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.9.2008
KUMM(2008) 586 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

(Il-15-il rapport dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet 2007)

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

(Il-15-il rapport dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet 2007)

1. Daħla

Din hija l-15-il analiżi annwali tal-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-protokoll mehmuż mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea. Kuntrarju għall-analiżi li saret fit-tliet snin ta' qabel, din l-analiżi ma tkoprix il-kwistjonijiet usa' ta' regolamentazzjoni aħjar, peress li dawn kienu ġew ittrattati fit-Tieni Reviżjoni Strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea¹.

L-analiżi tiffoka wkoll fuq żewġ żviluppi fl-2007 li kellhom impatt fuq kif jiġu applikati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. L-ewwelnett it-twaqqif ta' Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt li wassal għal skrutinju msaħħaħ tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet ta' impatt tal-Kummissjoni; u t-tieni, il-ftehim dwar Trattat ġdid li – jekk ikun ratifikat – jagħti rwol ġdid importanti lil parlamenti nazzjonali meta jkunu qed jaraw kif iż-żewġ prinċipji jiġu applikati.

2. Il-qafas legali u istituzzjonali

2.1 Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

Id-definizzjonijiet ġenerali tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità qegħdin fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 5 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE). Il-Protokoll 30 tat-Trattat jagħti aktar dettalji dwar kif għandhom jiġu applikati dawn il-prinċipji.

Is-sussidjarjetà hija prinċipju ta' meta tkun qed titfassal il-linja bejn sa fejn jaslu r-responsabbiltajiet ta' Stat Membru u dawk tal-UE - jiġifieri, *min għandu jaġixxi?* Jekk il-Komunità jkollha kompetenza esklussiva fil-qasam ikkonċernat, ma hemm l-ebda dubju dwar min għandu jaġixxi, u s-sussidjarjetà ma tapplikax. Jekk il-Komunità u l-Istati Membri jkunu jaqsmu l-kompetenza bejniethom, il-prinċipju jstabbilixxi preżunzjoni favur id-deċentralizzazzjoni. Il-Komunità għandha tiegħu azzjoni biss jekk l-oġġettivi ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri (it-test tan-neċessità) u jekk ikunu jistgħu jinkisbu aħkar mill-Komunità (it-test tal-valur miżjud jew tal-effettività mqabbla).

¹ COM(2008) 32, 30.01.08

Is-sussidjarjetà hija kunċett dinamiku, li kull evalwazzjoni tagħha għad tevolvi mal-mogħdija taż-żmien. Hi tippermetti li l-azzjoni tal-Komunità fil-limiti tal-kompetenzi tagħha tkun tista' tinfirex meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk, u minn naħa l-oħra, li tkun restritta u sospiża meta ma tgħaddix aktar mit-test tas-sussidjarjetà².

Il-proporzjonalità hija prinċipju ta' gwida meta jkun qed jiġi ddefinit kif l-Unjoni għandha teżerċita l-kompetenzi tagħha, sew b'mod esklussiv kif ukoll b'mod maqsum (*x'għandha tkun il-forma u n-natura ta' azzjoni tal-UE?*). Sew l-Artikolu 5 TKE kif ukoll il-Protokoll jistipulaw li l-azzjoni m'għandhiex tmur lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat. Kull deċiżjoni trid tmur favur l-għażla l-anqas impenjattiva.

2.2 Modi ta' applikazzjoni, opportunità għal kummenti, u kontroll ex post

L-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jridu joqogħdu maż-żewġ prinċipji meta jkunu qed jeżerċitaw il-poteri tagħhom. Fil-Protokoll u fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-1993 dwar is-sussidjarjetà kienu ġew stabbiliti obbligi speċifiċi³. Xi wħud mill-elementi ċentrali huma miġjuba fil-qosor hawnhekk, filwaqt li t-tibdil li jiġib miegħu t-Trattat ta' Liżbona jidher fit-taqsima 4.1.

Il-Kummissjoni għandha: tikkonsulta b'mod wiesa' qabel ma tipproponi l-leġislazzjoni; tistqarr fil-memorandum ta' spjegazzjoni għal kull proposta leġislattiva r-raġunijiet li minħabba fihom hija tikkonkludi li l-proposta hija konformi mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità; u tiegħu f'kunsiderazzjoni l-piż li hemm fuq il-Komunità, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq l-awtoritajiet lokali, fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini. Kif spjegat fit-taqsima 3.1., is-sistema tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt qed tkun ta' għajnuna sabiex is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità jkunu analizzati b'mod rigoruż fil-każ ta' kull proposta maġġuri.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jipprovdu ġustifikazzjoni dwar is-sussidjarjetà f'każ li xi emenda li jagħmlu tkun taffettwa l-ambitu tal-azzjoni tal-Komunità⁴. F'każ li tkun tapplika l-proċedura ta' konsultazzjoni jew ta' kooperazzjoni, il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament bil-pożizzjoni tiegħu fejn tidħol l-applikazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità f'dikjarazzjoni ta' raġunijiet⁵.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni jesprimu l-veduti tagħhom jew meta jkunu kkonsultati jew inkella f'opinjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess. Il-'Konferenza tal-kumitati speċjalizzati fl-affarijiet tal-Komunità Ewropea' (KKSACE) tista' wkoll tesprimi opinjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà⁶.

Sa minn Settembru 2006, il-Kummissjoni ttrażmettiet proposti leġislattivi ġodda lill-parlamenti nazzjonali u stednithom jagħtu r-reazzjonijiet tagħhom. Għalkemm dan l-iskambju huwa ħafna usa' fl-ambitu tiegħu mill-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ħafna mill-kummenti li daħlu mill-parlamenti nazzjonali għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-prinċipji.

² L-Artikolu 3 tal-Protokoll

³ Adottat 17.11.93, ĠU C 329, 06.12.93, p.132

⁴ Taqsima 2, punt 3, tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar is-sussidjarjetà tal-1993.

⁵ L-Artikolu 12 tal-Protokoll

⁶ Il-Punt 6 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, it-Trattat ta' Amsterdam.

Fl-aħħarnett, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza jistgħu janalizzaw il-legalità ta' atti tal-istituzzjonijiet biex jaraw kemm dawn ikunu konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3. L-Applikazzjoni tal-prinċipji mill-Kummissjoni fl-2007

3.1 Il-valutazzjonijiet ta' Impatt u l-Bord tal-Valutazzjoni ta' Impatt

Il-kunsiderazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità hija parti mill-ħidma ta' kuljum tal-Kummissjoni li tiżviluppa inizjattivi ta' politika ġodda, iżda l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet ta' impatt żied saff ieħor ta' skrutinju ffokat. Is-sistema ta' valutazzjoni ta' impatt tal-Kummissjoni qed tkun ta' għajjnuna biex jiġi ffaċilitat teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq informazzjoni aħjar, matul il-proċess leġiżlattiv. Hija ttejjeb il-kwalità tal-proposti billi tiżgura li l-inizjattivi jkunu bbażati fuq provi trasparenti, fuq is-sehem ta' min hu involut, kif ukoll fuq analiżi profonda u integrata tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-modi differenti ta' kif problema tista' tkun indirizzata. Aspett ċentrali ta' dan l-approċċ huwa l-analiżi tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Filwaqt li l-valutazzjoni tal-impatt saret ħaġa waħda mal-prassi ta' ħidma u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, l-istituzzjoni hija impenjata li tkompli ttejjeb aktar is-sistema. Żvilupp ċentrali kien il-ħolqien tal-Bord tal-Valutazzjoni ta' Impatt (BVI) f'Novembru 2006 li jipprovdi sostenn indipendenti ta' kwalità, kif ukoll kontroll, fuq il-valutazzjonijiet ta' impatt imħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni⁷. L-opinjonijiet tal-BVI huma integrati formalment fis-sistema ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, minn konsultazzjoni interdepartimentali sal-adozzjoni finali mill-Kulleġġ. Huma wkoll disponibbli għal istituzzjonijiet oħra kif ukoll għall-pubbliku iġenerali, hekk kif l-inizjattiva rispettiva tal-Kummissjoni tiġi adottata. Fl-opinjonijiet tiegħu, il-BVI ta' spiss jirrakkomanda li jkollu jsir titjib sostanzjali felementi ċentrali tal-valutazzjonijiet ta' impatt, inkluż fejn jidħlu s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Hemm xi eżempji fit-Taqsima 3.2⁸.

Fuq il-bażi tal-ħidma tal-BVI, kif ukoll ta' analiżi esterna tas-sistema ta' evalwazzjoni ta' impatt, il-Kummissjoni ddeċidiet li d-direzzjoni li hija tagħti dwar l-analiżi tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għandha ssir aktar operattiva fil-Linji ta' Gwida riveduti dwar il-valutazzjoni ta' Impatt, li għandhom jiġu adottati fit-tieni nofs tal-2008. Il-Linji ta' Gwida se jkun fihom mistoqsijiet espliċiti, ibbażati mill-qrib fuq il-protokoll 30 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li kull evalwazzjoni tal-impatt trid tindirizza. Il-Linji ta' Gwida riveduti se jsaħħu wkoll il-messaġġ li, filwaqt li l-valutazzjonijiet ta' impatt normalment jeżminaw problemi li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' azzjoni fuq livell tal-UE, għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatt li l-problemi u l-miżuri meħuda biex jindirizzawhom jista' jkollhom effetti differenti fi Stati Membri u reġjuni differenti tal-Unjoni⁹.

Dawn it-tibdiliet għandhom ikunu ta' għajjnuna biex il-Kummissjoni tkun tista' żgur tipprovdi analiżi aktar rigoruża u trasparenti, kif ukoll ġustifikazzjoni tal-proposti tagħha milli qatt setgħet qabel. Dan huwa essenzjali meta wieħed iqis ir-rwol akbar li se jkollhom il-parlamenti nazzjonali jekk jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona.

3.2 Eżempji ta' kif il-Kummissjoni applikat il-prinċipji

⁷ "It-titjib tas-sostenn ta' kwalità, u tal-kontroll, fuq il-valutazzjonijiet ta' Impatt tal-Kummissjoni – Il-Bord tal-valutazzjonijiet ta' Impatt" – SEC(2006) 1457. Titolu tradott liberament. Ma hemmx verżjoni bil-Malti.

⁸ Għal ħarsa ġenerali lejn l-ewwel sena ta' ħidma tal-BEI, SEC(2008) 120, 30.01.08 (Ġermaniż, Inġliż u Franċiż biss)

⁹ http://ec.europa.eu/governance/impact/key_en.htm

Din is-sezzjoni turi kif il-Kummissjoni eżaminat is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet tagħha ta' impatt, b'mod li bħala riżultat irriorjentat, jew warrbet, il-proposti tagħha.

Żewġ proposti fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji twarrbu fl-2007 fuq il-bażi tal-analiżi fil-valutazzjoni tal-impatt. L-ewwel każ kien dak ta' *Rakkomandazzjoni dwar il-proporzjonalità bejn il-kapital u l-kontroll f'kumpaniji llistjati*, li kellha titfassal. Il-valutazzjoni tal-impatt waslet għall-konklużjoni li, fejn tidħol il-proporzjonalità, ma kienx ċar li Direttiva jew Rakkomandazzjoni kienu l-anqas metodi onerużi biex jitnaqqas ir-riskju ta' gwadann ta' benefiċċju privat minn dawk li jkollhom informazzjoni minn ġewwa madwar l-Istati Membri tal-UE. Ikkonkludiet li t-taħlita bejn forzi tas-suq, inizjattivi regolatorji tal-Istat Membru, kif ukoll il-qafas legali tal-Komunità li diġà jeżisti kienu biżżejjed u li, fin-nuqqas ta' provi empiriċi dwar l-eżistenza u l-firxa ta' sproprjazzjoni tad-detenturi ta' ishma, li jiġu adottati aktar miżuri seta' joħloq ir-riskju li jiġu imposti spejjeż sinifikanti għal min joħroġ l-offerti u għal detenturi ta' ishma, mingħajr ma jkun hemm benefiċċji proporzjonati¹⁰.

It-tieni każ fejn tidħol il-liġi tal-kumpaniji hija dwar proposta għal *Direttiva dwar it-trasferiment transkonfinali ta' uffiċċji reġistrati*. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-effetti tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-mobbiltà transkonfinali (id-Direttiva dwar l-għaqdiet transkonfinali) għadhom mhux magħrufa, u li l-kwistjoni tat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat tista' tkun ikkjarifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja dalwaqt. Bħala riżultat, il-valutazzjoni kkonkludiet li Direttiva ma kinitx tweġiba proporzjonata għall-problema, u li kien ikun aktar xieraq li wieħed jistenna sakemm l-impatti ta' dawk l-iżviluppi jkunu jistgħu jiġu eżaminati b'mod sħiħ u l-ħtieġa u l-ambitu ta' xi azzjoni tal-UE tkun definita aħjar¹¹.

Ġew riveduti b'mod sinifikanti għadd ta' inizjattivi bħala tweġiba għall-iskrutinju tal-Bord tal-valutazzjoni ta' Impatt. Pereżempju, *Inizjattiva dwar il-kwalità tal-edukazzjoni għall-għalliem*¹² saret aktar espliċita fejn tidħol il-possibbiltà ta' rwol ta' sostenn mill-inizjattivi tal-UE fid-dawl tal-kompetenza tal-Istat Membru. Bl-istess mod, fejn jidħol il-*Pjan ta' azzjoni għal protezzjoni konsulari aktar effettiva f'pajjiżi terzi*¹³, ġiet eżaminata bir-reqqa l-ħtieġa ta' azzjoni mill-UE, u ġie propost approċċ aktar moderat.

Il-proposta għal *Direttiva dwar l-infurzar transkonfinali ta' sanzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà fuq it-toroq* kienet oriġinarjament tikkonsisti minn żewġ partijiet separati. L-ewwel waħda biex titwaqqaf sistema ta' infurzar effiċjenti transkonfinali li tiżgura li l-kontravvenzjonijiet dwar veloċità żejda li jiġu kommessi fi Stat Membru minn sewwieqa ġejjin minn Stat Membru ieħor ikun jistgħu jiġu segwiti; u t-tieni sabiex il-prassi nazzjonali ta' infurzar dwar is-sigurtà tat-toroq jsiru konformi ma' ċerti rekwiżiti fejn jidħol l-għadd ta' kontrolli li jsiru u s-segwitu ta' offiżi reġistrati. Fl-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-valutazzjoni ta' impatt, il-BEI talab li ż-żewġ partijiet tal-proposta jkunu magħżula ċar, u li kull parti tkun eżaminata separatament fejn jidħol valur miżjud għall-UE, il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà. F'Marzu 2008, il-Kummissjoni adottat proposta dwar l-ewwel parti biss tal-abbozz inizjali, wara li warrbet il-parti dwar ir-rekwiżiti għal sistemi nazzjonali ta' infurzar¹⁴.

¹⁰ SEC(2007) 1705.

¹¹ SEC(2007) 1707.

¹² COM(2007) 392

¹³ COM(2007) 767

¹⁴ COM(2008) 151

4. Applikazzjoni tal-prinċipji minn atturi oħra

4.1 Il-Parlamenti nazzjonali

Jekk ikun ratifikat, it-Trattat ta' Liżbona jwassal għal għadd ta' tibdiliet fir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE¹⁵. Waħda mill-innovazzjonijiet l-aktar importanti hija l-introduzzjoni ta' kontroll politiku ex ante, u kontroll ġudizzjarju ex post fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà. Kontroll politiku ex ante jkun jista' jsir permezz tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' twissija bikrija. Dan ikun jippermetti lill-parlamenti nazzjonali li jibgħatu opinjoni motivata meta jkun jidhrilhom li proposta leġislattiva Ewropea ma tkunx konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà¹⁶. Il-parlamenti nazzjonali jiġu infurmati b'mod sistematiku bil-proposti leġislattivi kollha u, ħliet f'każijiet urġenti li jkunu ġġustifikati kif xieraq, ikollhom tmien ġimgħat biex jesprimu l-veduti tagħhom¹⁷. Skont l-għadd ta' reazzjonijiet li jidħlu mill-parlamenti nazzjonali, it-Trattat ikun jipprovdri żewġ mekkaniżmi – "il-karta s-safra" u "il-karta oranġjo" – li jwasslu għal aġġornamenti u jista' jkun ukoll it-twarrib tal-proposta. F'termini ta' kontroll ġudizzjarju ex post, it-Trattat ikun fih dispożizzjonijiet ġodda biex il-parlamenti nazzjonali u l-Kumitat tar-Reġjuni jkunu jistgħu jressqu suspetti ta' ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja¹⁸.

Fi proċedura li hija distinta minn – għalkemm f'ċerti aspetti hija simili għal – dan il-mekkaniżmu ta' twissija bikrija, il-Kummissjoni ilha tittrażmetti l-inizjattivi ġodda kollha lill-parlamenti nazzjonali sa mill-2006, u stabbiliet proċedura biex twieġeb għall-opinjoni jiet li huma joħorġu bihom¹⁹. Sa Diċembru 2007, il-Kummissjoni kienet irċeviet 166 opinjoni minn 25 parlament nazzjonali fi 19-il Stat Membru. Dawn kienu dwar 86 test tal-Kummissjoni²⁰.

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kienu temi importanti fil-kwistjonijiet imqajma mill-parlamenti nazzjonali. Per eżempju:

- Il-Bundesrat tal-Ġermanja kien tal-fehma li l-proposta dwar il-qafas għall-ħarsien tal-ħamrija²¹ ma kienx jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, filwaqt li s-Senat Franċiż kien tal-fehma li ma kienx hemm informazzjoni biżżejjed dwar l-ispejjeż konnessi mad-dispożizzjonijiet dwar il-kontaminazzjoni tal-ħamrija sabiex ikun jista' jiġi vverifikat jekk il-prinċipju tal-proporzjonalità kienx rispettata. Kif indikat fis-sezzjoni 4.2, il-proposta kienet soġġetta għal diskussjonijiet attivi dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità sew fil-Parlament Ewropew kif ukoll fil-Kunsill.

¹⁵ Protokollu Nru 1 u 2

¹⁶ Tikkonċerna: proposti tal-Kummissjoni; inizjattivi ta' grupp ta' Stati Membri (cf. kooperazzjoni penali); inizjattivi tal-Parlament Ewropew; talbiet mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja; rakkomandazzjonijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew; u talbiet mill-Bank tal-Investimenti Ewropew għall-adozzjoni ta' att leġislattiv Ewropew.

¹⁷ L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

¹⁸ L-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

¹⁹ "Aġenda għaċ-Ċittadini – Jinkisbu r-Riżultati għall-Ewropa", COM(2006)211.

²⁰ L-Anness 1 jagħti ħarsa aktar fid-dettall tal-opinjoni jiet.

²¹ COM(2006) 232

- Sew is-Senat Franċiż kif ukoll il-Bundesrat Ġermaniż esprimew ukoll dubji dwar kemm hi meħtieġa l-proposta dwar is-sigurtà tal-infrastrutturi tat-toroq²². Fil-Parlament Ewropew l-opinjoni jiet kienu differenti: il-maġġoranza tal-Membri riedu li l-Kummissjoni tkun aktar ambizzjuża, filwaqt li oħrajn kienu kontriha minħabba raġunijiet marbuta mas-sussidjarjetà.
- Is-Senat Franċiż esprima l-opinjoni li l-Kummissjoni ma ġġustifikatx il-proposta tagħha dwar ir-riforma tas-suq tal-frott u l-ħaxix²³ min-naħa tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Fid-dibattitu fil-Kunsill, il-Kummissjoni mmodifikat u lestiet il-premessa tat-test sabiex isir aktar espliċitu fuq dawn il-punti.
- Dwar il-Green Paper dwar it-Tabakk²⁴, il-Folketing (DK) u r-Riksdag (SE) qajmu l-kwistjoni tas-sussidjarjetà u wrew li jippreferu li dawn il-kwistjonijiet jiġu ttrattati fuq livell nazzjonali.

Ta' min wieħed isemmi li 35 opinjoni nħarġu fil-qafas ta' żewġ eżerċizzji kkoordinati dwar is-sussidjarjetà immexxija mill-KKSAKE u mnedija fi tmiem l-2006. Fl-2007, il-KKSAKE nieda eżerċizzju ieħor ta' dan it-tip, li kien iffokat fuq id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu²⁵. Sa tmiem Jannar tal-2008, 29 assemblea minn 40 kienu pparteċipaw fl-eżerċizzju. L-eżerċizzju kien imfassal b'mod li jissimula l-proċeduri proposti fit-Trattat tal-Liżbona, indipendentement minn jekk il-limiti meħtieġa biex tinbeda azzjoni jkunux intlaħqu. Il-House of Commons opponiet il-proposta għal raġunijiet ta' sussidjarjetà, filwaqt li l-Bundestag opponiha għal raġunijiet ta' proporzjonalità. Għadd ta' kmamar leġiżlattivi kienu tal-fehma li l-argumenti favur is-sussidjarjetà ma kinux biżżejjed. Il-kmamar leġiżlattivi kollha esprimew dubji dwar il-valur miżjud ta' azzjoni mill-Unjoni, meta mqabbla ma' azzjoni mill-Kunsill tal-Ewropa.

4.2 Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qajmu l-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità f'għadd ta' okkażjonijiet.

Fid-diskussjonijiet dwar *id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima*, il-Parlament fl-ewwel qari emenda l-proposta tal-Kummissjoni billi introduċa obbligu ta' ksib ta' riżultat aktar strinġenti u li legalment aktar jorbot. Sussegwentement, ċerti Stati Membri ressqu l-argument li l-għan ewlieni tad-Direttiva kif emendata mill-Parlament ('li jinkiseb jew jinżamm l-istat ambjentali tajjeb tal-ambjent marittimu') jista' jqajjem problema fejn tidħol il-proporzjonalità. Dawn l-Istati Membri kienu mħassba li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas tista' f'ċerti sitwazzjonijiet twassal għal spejjeż sproporzjonati, u talbu li tiddaħħal klawsola biex dan jiġi indirizzat. Il-Parlament Ewropew fit-tieni qari leħaq qbil dwar test ġdid tal-għan ('għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb') u ddikjara wkoll li skont ċerti kundizzjonijiet l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn jieħdu miżuri speċifiċi fejn l-ispejjeż ikunu sproporzjonati meta wieħed iqis ir-riskji li hemm fl-ambjent marittimu. Xi Stati Membri kienu tal-fehma li s-salvagwardja dwar l-ispejjeż li dwarha ntlaħaq qbil kienet hi stess kawta b'mod sproporzjonat, u għal din ir-raġuni astjenew fil-Kunsill sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom li hija ddgħajfet b'mod konsiderevoli bla bżonn.

²² COM(2006) 569

²³ COM(2007) 17

²⁴ COM(2007) 27

²⁵ COM(2007) 650

Fid-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar *id-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħamrija* f'Diċembru 2007 sar sforz biex l-Istati Membri jingħataw flessibilità u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, ċerti Stati Membri għadhom tal-fehma li l-politika dwar il-ħamrija hija ta' kompetenza nazzjonali u li l-proposta ma tirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Filwaqt li l-Kumitat dwar l-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew adotta opinjoni li twarrab din il-proposta minħabba raġunijiet ta' sussidjarjetà, il-Parlament Ewropew ma segwiex din l-opinjoni.

Kif intqal fis-sezzjoni 2.2, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għandhom jindirizzaw is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità meta jkunu qed jipproponu xi emenda li taffettwa l-ambitu tal-azzjoni tal-Komunità. L-għadd żgħir ta' emendi li fil-fatt jagħmlu dan jirrifletti d-diffikultajiet usa' li għandhom il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jipprovdu stimi tal-impatt għal emendi sinifikanti li jiġu proposti, speċjalment meta dawn jinbidlu, jinqasmu jew jingħaqdu waqt diskussjonijiet politiċi qabel ma jittieħed il-vot. L-aġġornament tal-"Approċċ Komuni dwar l-Istimi tal-Impatt"²⁶ li se jsir fl-2008 – jipprovdi opportunità għall-Kunsill, għall-Parlament Ewropew u għall-Kummissjoni biex jiddiskutu metodi biex jiffaċilitaw l-istimi tal-emendi.

4.3 Il-Kumitat tar-Regġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni nieda Network tal-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà f'Marzu 2007, billi bena fuq fażijiet ta' prova li kienu saru fl-2005 u fl-2006. In-network huwa primarjament immirat lejn awtoritajiet lokali u reġjonali, iżda l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll nazzjonali huma wkoll mistiedna jipparteċipaw. In-network huwa organizzat permezz ta' websajt interattiva²⁷. Il-parteċipanti li jirreġistraw jirċievu avviż bl-email meta l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà jkun irid jiġi eżaminat għal dokument ġdid ta' politika mill-Kummissjoni. Il-perjodu biex jiġu sottomessi l-kummenti lill-Kumitat tar-Regġuni (bl-użu ta' formola elettronika standardizzata) huwa ta' bejn wieħed u ieħor 6 ġimgħat wara li t-test ikun tħabbar fuq in-network. Din il-pjattaforma elettronika sejra, fost affarijiet oħra, tgħin lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kumitat tar-Regġuni, li timplimenta l-ftehim tagħhom ta' kooperazzjoni ta' Novembru 2005, skont liema huma se jidentifikaw prijoritajiet li jkollhom bżonn segwitu speċiku fil-qasam tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

4.4 Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-2007 kienet sena li fiha ġiet ikkonfermata l-każistika stabbilita dwar il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Il-Qorti tal-Prim'Istanza (QPI) għamlet kummenti interessanti dwar is-sussidjarjetà, permezz ta' obiter dicta, f'żewġ każijiet, u komplet telabora dwar l-applikabbiltà tal-prinċipju tal-proporzjonalità fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni.

Fil-Kawża T-374/04 *Il-Ġermanja v. Il-Kummissjoni*²⁸ l-QPI rabtet l-inkarigu ta' prova li għandha fuqha l-Kummissjoni meta din tkun qed teżerċita l-poteri tagħha ta' superviżjoni skont leġiżlazzjoni sekondarja, mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-QPI kienet qed tikkonsidra kontestazzjoni mill-Ġermanja għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan nazzjonali tagħha għall-allokazzjoni ta' benefiċċji dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet tas-serer, li fiha l-Kummissjoni ċaħdet regoli dwar aġġustament 'l isfel ex post, kif proposti mill-Ġermanja,

²⁶ Adottat skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tal-2003.

²⁷ <http://subsidiarity.cor.europa.eu>

²⁸ Sentenza tas-07.11.07 – għadha mhix rappurtata

għar-raġuni li dawn jiksru d-Direttiva 2003/87/KE²⁹. Il-QPI fliet il-legalità tal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-Ġermanja kienet kisret il-kriterji tad-direttiva. Fis-sentenza tagħha, il-QPI indirizzat il-qsim tal-poteri bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'dan il-qasam. Hija waslet għall-konklużjoni li ma hemm l-ebda regola tal-Komunità li tistipula b'mod ċar u preċiż il-forma u l-metodi li jridu jużaw l-Istati Membri biex jiżguraw l-effettività tad-direttivi, sta għall-Kummissjoni li tagħti prova sal-livell legali mitlub li l-istrumenti użat mill-Istati Membri huma kontra l-liġi tal-Komunità. Ikkonkludiet ukoll li meta l-KE u l-Istati Membri tagħha jaqsmu l-kompetenza f'qasam, hija l-Kummissjoni li għandha tagħti prova sa liema livell huma l-limitati l-poteri tal-Istati Membri. Fl-aħħarnet il-Qorti kkonkludiet li l-Kummissjoni ma ressqitx provi sal-livell legali meħtieġ li l-aġġustamenti 'l isfel ex post kienu kuntrarji għall-għanijiet tat-Trattat u annullat il-parti rilevanti tad-deċiżjoni.

Fil-każ *Minin v Il-Kummissjoni*³⁰, il-QPI kkonfermat l-argumentazzjoni tas-sentenzi tagħha fil-każijiet *Yusuf u Ayadi*³¹. Minn dan joħroġ ċar li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fejn jidħlu sanzjonijiet ekonomiċi kontra pajjiżi terzi. Madankollu, il-QPI żiedet tgħid li anki f'każ li l-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika, huwa "ċar li l-implimentazzjoni uniformi fl-Istati Membri ta' riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tista' sseħħ aħjar fuq livell tal-Komunità aktar milli fuq livell nazzjonali".

Fil-kawża ta' *Alrosa*³², il-QPI applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità *għall-ewwel darba* għal deċiżjonijiet skont l-Artikolu 9 tar-Regolament 1/2003³³ fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. Dak l-artikolu huwa dwar impenji magħmula minn intrapriżi u l-Kummissjoni għamlitu jorbot. Din il-kawża kienet dwar ftehim kummerċjali, innotifikat lill-Kummissjoni, bejn żewġ kumpaniji li joperaw fis-suq għall-produzzjoni u l-provvista ta' djamanti mhux irfinuti. Waħda mill-kumpaniji daħlet f'impenji mal-Kummissjoni li twaqqaf ix-xiri kollu mingħand il-parti l-oħra, liema impenji l-Kummissjoni għamllithom bħala li jorbtu f'deċiżjoni skont l-Artikolu 9. It-tieni kumpanija kkontestat id-deċiżjoni fost affarijiet oħra fuq il-bażi li din kienet tikser il-prinċipju tal-proporzjonalità, u ressqet l-argument li l-projbizzjoni ta' kull provvista lejn il-parti l-oħra kien sproporzjonat. Il-QPI kkonfermat li, għalkemm l-Artikolu 9 ma jirreferix speċifikament għall-proporzjonalità, il-Kummissjoni għandha żżomm ma' dan il-prinċipju peress li huwa prinċipju ġenerali tal-liġi Komunitarja. Hija kkonkludiet li l-projbizzjoni totali tar-relazzjonijiet kummerċjali kollha tikser il-prinċipju tal-proporzjonalità u annullat id-deċiżjoni³⁴.

5. Konklużjonijiet

Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, jistgħu jinġibdu tliet konklużjonijiet ġenerali. L-ewwelnett, fl-2007 kull wieħed mill-atturi fis-sistema, fuq livell nazzjonali kif ukoll Ewropew, għamlu kontribuzzjoni biex jiżguraw li l-proposti tal-Kummissjoni jkunu mgħarbla sabiex tġi żgurata l-konsistenza mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Il-provi juru li dan jaħdem tajjeb. It-tieni, il-proċess ta' skrutinju qed jissaħħaħ permezz ta' diversi modi: fil-Kummissjoni permezz ta' tisħiħ tas-sistema ta' stima tal-impatt; fil-parlamenti nazzjonali; u fil-Kumitat tar-Regġuni. It-tielet, il-fatt li l-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE

²⁹ Id-Direttiva 2003/87/KE (ĠU 2003 L 275, p.32) (L-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet)

³⁰ Il-Kawża T-362/04, Sentenza tal-31.01.07, ECR 2007, Paġna II-2003

³¹ Il-Kawża T-306/01 *Yusuf u Al Barakaat International Foundation v Il-Kunsill* [2005] ECR 11-3533, paragrafi 112 sa 116 u l-Kawża T-253/02 *Ayadi v. Il-Kunsill* [2006] ECR II - 2139, paragrafi 87 sa 89.

³² T-170/06, Sentenza tal-11.07.07, għadha mhix rappurtata.

³³ ĠU 2003, L 1, p.1

³⁴ Ta' min wieħed josserva li l-Kummissjoni appellat kontra din is-sentenza.

qajmu kwistjonijiet simili jindika grad dejjem jikber ta' kunsens dwar dak li verament jitfisser b'sussidjarjetà u proporzjonalità fil-prattika. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib dawn l-iżviluppi.

Anness 1: L-għadd ta' opinjonijiet li daħlu mill-parlamenti nazzjonali

	Kamra leġiżlattiva nazzjonali	Opinjonijiet li daħlu
1	FR Sénat	40
2	DE Bundesrat	21
3	UK House of Lords	18
4	SE Riksdag	17
5	PT	13
6	DK Folketing	12
7	CZ Sénat	11
8	IE (Kumitat UE Konġunt)	5
9	NL (Iż-żewġt Ikmamar)	3
10	DE Bundestag	3
11	LT Seimas	3
12	FR Assemblée nationale	2
13	BE Sénat	2
14	UK House of Commons	2
15	HU	2
16	LUX	2
17	EE Riigikogu	2
18	CZ Chambre des députés	1
19	IT Camera dei Deputati	1
20	BE Chambre des Représentants	1
21	PL Sejm	1
22	PL Senat	1
23	FI	1
24	SI	1
25	SK	1
	Total:	166